MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 582/2008

**Allied Newspapers Limited (C 308)**

**Vs**

**Daks Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tlett elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmi (€ 3,028.18) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' mittenti fuq ordni ta` l-intimata.

Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u li l-intimata naqset li thallas lis-socjeta' rikorrenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ghal hlas.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Marzu ,2007 u ta` l-ittra ufficjali numru 6555/07 bl-imghax legali

sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess intimati li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-atti.

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti u d-dokumenti kolha li gew pprezentati f'din il-kawza.

Ra illi fid-9 ta' Jannar, 2009 gie pprezentat Kapitolu mill-Avukat Dr Josette Grech.

Ra illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------